

Brussell, 7 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13089/22

CDR 120

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Komitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**li taħtar membru
u membru supplenti,
proposti mir-Repubblika tal-Awstrija,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Gvern Awstrijak,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fis-17 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/235¹ li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni. Fil-21 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/1000² li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Christopher DREXLER, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Hannes WENINGER bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti.
- (5) Il-Gvern Awstrijak ippropona lis-Sur Werner AMON, r-rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali, *Landesrat, Steiermärkische Landesregierung* (Membru tal-Gvern Provinċjali, Gvern Provinċjali ta' Styria), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/235 tas-17 ta' Frar 2020 li taħtar membru u membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 47I, 20.2.2020, p. 7).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1000 tal-21 ta' Ġunju 2022 li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Awstrija fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 168, 27.6.2022, p. 78).

- (6) Il-Gvern Awstrijak ippropona lis-Sur Thomas STEINER, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Mitglied des Gemeinderats von Eisenstadt* (Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Eisenstadt) bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

- Is-Sur Werner AMON, *Landesrat, Steiermärkische Landesregierung* (Membru tal-Gvern Provinċjali, Gvern Provinċjali ta' Styria),

u

(b) bħala membru supplenti:

- Is-Sur Thomas STEINER, *Mitglied des Gemeinderats von Eisenstadt* (Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Eisenstadt).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President